# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021**

**Numru 5**

**Rikors Numru 80/21 TA**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali bin-numru 92/2021 ippreżentata a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet**

**Edwina Bonello [ID nru. 522953M]**

**vs**

**Melanie Scerri [ID nru. 17679M]**

**Kenneth Vella [ID nru. 404877M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Kenneth Vella u Melanie Scerri (ir-rikorrenti) tad-29 ta' Jannar 2021;

Rat ir-risposta ta' Edwina Bonello tal-11 ta' Marzu 2021;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat li r-rikors kien kien differit diversi drabi pero' ir-rikorrenti dejjem naqsu li jidhru;

Rat li ir-rikors kien imħollli għas-26 ta' Mejju 2021 biex jitressqu l-provi u jsiru sottomissjonijiet b'dan kollu ir-rikorrenti naqsu li jidhru anke għal din is-seduta;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment fil-miftuħ.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hija proċedura ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jikkontestaw l-esekuzzjoni ta' tmien(8) kambjali fl-ammont ta' sittin elf, ħames mija u tnejn u tmenin (€60,582). Ir-raġuni prinċipali hi li l-ammont ġie sodisfatt bi ħlas kontanti iżda l-kambjali inżammu mill-intimata. Il-Qorti għalhekk għandha għalfejn tifhem li skond ir-rikorrenti din hija r-raġuni gravi li ssemmi l-liġi sabiex ikunu sospiżi l-effetti eżekuttivi ta' dawn il-kambjali pendenti kawża dwar il-validita' tagħhom.

Fis-**Sentenza fl-ismijiet 240 Contracting Limited vs. Marsaxlokk Football Club28 tad-19 ta' Settembru 2013** intqal hekk:

"*Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura*

*bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi leżekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note…".*

Il-Qorti tosserva li tul dawn il-proċeduri r-rikorrenti ftit li xejn ħadu interess. L-anqas il-kambjali inkwistjoni ma esebew. Il-Qorti trid ta' bil-fors toqgħod fuq l-atti u f'dawn ma hemm xejn li jissufrugaw l-ilmenti tar-rikorrenti. Di piu', fil-kors ta' dawn il-proċeduri rriżulta ċar li r-rikorrenti bdew jagħmlu xi ħlasijiet, fatt li jirriskontra ħafna mar-raġuni gravi li jsemmu ir-rikorrenti u ċioe' li dan il-ħlas diġa' sar! Il-Qorti għandha suspetti serji, li dawn il-proċeduri qegħdin jintużaw sabiex ir-rikorrenti jdewwmu l-ħlas ta' dawn il-kambjali.

Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija qed **tiċħad it-talbiet** tar-rikorrenti.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**